**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 621/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**vs**
**David Clement Joseph Yates**

**Illum 13 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

David Clement Joseph Yates, detentur tal-karta ta' l-identita numru 77201L

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Novembru 2016, għall-ħabta ta' l-10:00hrs, f'Telgħet San Ġiljan, San Ġiljan:

1. Ikkommetta serqa ta' camera tar-ritratti minn ġewwa l-vettura ta' għamla Hyundai b'numru ta' reġistrazzjoni GAK918, għad-dannu ta' Simon Kostadinoski, liema serqa hija aggravata bil-'Valur' li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), kif ukoll bil-'Mezz', u bix-'Xorta tal-ħaġa misruqa'

   Art. 261, 263 (a), 267, 271 (g), u 279 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok, u ċirkostanzi, Volontarjament għamel ħsara fuq il-vettura ta' għamla Hyundai b'numru ta' reġistrazzjoni GAK918, liema ammont ta'

ħsara ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin Ewro (€250), għad-dannu ta' Gold Car Rentals

Art. 325(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

U iktar talli sar riċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata nhar it-12 ta' Mejju 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata fil-25 ta' Novembru, 2016 quddiem dak iz-zmien Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', damage invoice immarkat bhala Dok SK, kunsens tal-Avukat Generali, stqarrija rilaxxjata minn David Clement Joseph Yates immarkata bhala Dok MS1, fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok MS2, rinunzja tal-jedd ghal parir legali mmarkata bhala Dok MS3, current incident report datat 24 ta' Novembru, 2016 immarkat bhala Dok MV, certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok MS, kuntratt tal-Gold Car immarkat bhala Dok LC,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Simon Kostadinoski, Branko Petkoski, PS 249 Michael Vella, Lorry Caruana.

**Simon Kostadinoski**, jispjega li kien qieghed bil-qieghda quddiem il-"hostel" sabiex jiehu l-*breakfast* u hekk kif qam biex imur ghal karozza li kienet mikrija minnu li kienet ipparkjata quddiem il-"hostel", sabiex igib xi medicina tieghu, sema' hoss ta' hgieg jinkiser. Ikompli jispjega li meta hares lejn il-karozza, ra lill-imputat nofsu gol-karozza tal-kiri jiehu xi affarijiet minnha, fost l-affarijiet kien hemm kamera tar-ritratti li kien tiswa' €1,000. Kellu wkoll strument tal-muzika "hingedrum" li kienet tiswa €900. Jghid li meta rritorna l-karozza tal-kiri kellu jhallas cirka €500 ghal hgiega mkissra. Id-deposit li kien hallas ta' €200 ghadu ma rcevihomx lura. Jispjega li hekk kif ra lill-imputat nofsu fil-karozza tal-kiri, Simon beda jigri lejh, u rnexxielu jzommu, filwaqt li beda jitlob lin-nies sabiex icemplu lill-pulizija. Jghid ukoll li avolja l-imputat prova jiehu l-affarijiet minn gol-karozza, ma rnexxielux fil-fatt jiehodhom.

**Branko Petkoski**, jikkonferma li kien qed jiehu l-*breakfast* ma siehbu Simon il-"hostel", meta Simon qam biex imur igib xi haga mill-karozza. Fil-pront sema' xi hadd jghajjat u meta hares, ra lil siehbu Simon izomm persuna ohra u jghajjat li dik il-persuna ppruvat tisraqhom. Hawnhekk, Branko Petkoski assuma li kien dan ir-ragel li kisser il-hgiega tal-karozza li krew bejniethom. Ghalhekk sejhu ghal Pulizija. Jikkonferma li ra l-kamera tar-ritratti ta' Simon mal-art magenb il-karozza. Inoltre, kkonferma li hu u siehbu Simon hallsu lill-kumpanija minn fejn krew il-karozza ghal hgiega mkissra bi flus kontanti.

**PS 249 Michael Vella**, jghid li fl-24 ta' Novembru, 2016 ghal habta tal-10:00 a.m. il-Pulizija ta' San Giljan irceviet telefonata mill-control room li kien hemm argument gewwa t-Telghet ta' San Giljan. Kif tela' fuq il-post ra tlett persuni jzommu persuna ohra maskili. Jispjega li certu Simon Kostadinoski nfurmah li hu kien qed joqghod gewwa l-"Inhawi Hostel" meta sema' hoss ta' hgieg jinkiser u meta mar jara x'gara, ra ragel, certu David Clement Joseph Yates johrog xi basktijiet mill-karozza mikrija lil dan Simon mill-kumpanija Gold Car, tal-ghamla Hyundai numru ta' registrazzjoni JAK 918. David Clement Joseph Yates gie arrestat immedjatament u nghata s-solita twissija u drittijiet. PS 249 seta' josserva l-hgiega ta' wara tan-naha tal-lemin imkissra u ra zewg basktijiet barra mill-vettura fejn f'wiehed mill-basktijiet kien hemm kamera tar-ritratti.

**Lorry Caruana**, huwa Manager tal-Gold Car, Malta fejn l-iskop tal-kumpanija hija li tikri l-karozzi. Jghid li l-karozza Hyundai NGK 918 kienet mikrija lil certu Branko Petroski mit-22 ta' Novembru, 2016 sal-24 ta' Novembru, 2016. Fl-24 ta' Novembru, 2016 meta l-karozza giet ritornata lil Gold Car, Branko Petroski spjegalu li kien hemm xi hadd li kisser il-hgiega tal-karozza biex jipprova jisraq il-basktijiet li kien hemm gewwa l-karozza stess. L-ammont ta' hsara kienet ta' €507.40.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

L-imputat qed jigi mixli bir-reat ta' serq ta' camera tar-ritratti minn gewwa vettura. Illi huwa risaput li definizzjoni tar-reat ta' serq fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tinghatax tifsira. Illi ghalhekk il-Qrati taghna dejjem kellhom jaghmlu referenza ghal gurisprudenza kif ukoll ghat-taghlim minn guristi ewlenin f'dan il-kamp. Illi dejjem saret

referenza ghal dak li hemm fil-Kodici Penali Taljan fejn tidhol id-definizzjoni ta' serq. Illi naraw li f'dan il-Kodici ir-reat ta' serq jigi spjegat b'dan il-mod bhala:
"*la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro*".

Illi l-Qrati taghna jimxu mat-taghlim tal-Carrara fejn tidhol id-definizzjoni tal-*contrectatio* fejn spjega li s-semplici caqlieq tal-oggett mill-post fejn ikun, dan jirrendi li r-reat tas-serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oggett ta' haddiehor mill-imputat, bl-intenzjoni li jisirqu. Illi ghalhekk f'din ic-cirkostanza c-caqlieq tal-oggett in kwistjoni jgib li r-reat ta' serq u mhux meqjus bhala tentattiv.

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu, jiddefinixxi hekk dan l-element:-

> *"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt."* (pagna 292)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Grech** deciza fil-31 ta' Lulju 2008, irrapportat illi fir-rigward tal-*contrectatio*:-

> *"... jkun hemm dan l-element malli l-oggett ikun ittiehed mill-post fejn ikun thalla minn sidu w konsegwentement mhux mehtieg li l-oggett ikun tnehha mill-kamra jew mid-dar tas-sid*."

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament u l-gurisprudenza fuq dan il-punt tad-definizzjoni tas-serq, din il-Qorti trid tara jekk mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizultax li kien serq jew inkella t-tentattiv tas-serq. Illi mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u cioe' mill-parti leza, qal li l-imputat kien ghadu fil-vettura meta zammu. Dan kien ftit hin wara li sema' hoss u mar jigri ghal fejn il-vettura fejn ra lill-imputat nofsu fil-vettura. Illi anki dan il-fatt juri li l-imputat kienet il-persuna li giet mizmuma b'rabta ma' dan ir-reat.

Illi hareg mill-fatti tal-kaz ukoll li minn gewwa il-vettura li kienet mikrija lil parti leza kien hemm oggetti personali tieghu u fosthom kien hemm camera tar-ritratti. Illi fil-fatt gie indikat li din il-camera kienet barra mill-vettura u ghalhekk giet spostata minn gewwa ghal barra. Dan il-punt ta' fejn kienet tinstab il-camera fil-mument li nzamm l-

imputat giet korroborata mill-habib tal-parti leza li l-camera kienet tinstab fil-vettura. Illi anki huwa kkonferma li din il-camera kienet inharget barra u mitfugha hdejn il-vettura. Kemm l-istess Simon Kostadinoski kif ukoll il-habib tieghu Branko Petkoski ikkonfermaw li fil-fatt l-imputat kien l-istess persuna li nzamm u l-camera kienet barra fl-art. Illi ghalhekk il-fatt li din il-camera tar-ritratti inharget minn gewwa l-vettura ir-reat ta' serq sehh fil-mument li nharget minn barra l-vettura.

Illi minn naha l-ohra, l-verzjoni tal-imputat kif tohrog mill-istqarrija tieghu lill-Pulizija (Dok KMS1 li tinsab a fol 39), qal li huwa kien miexi fejn gie wiehed u zammu minn ghonqu u akkuzah li seraq xi oggetti mill-vettura tieghu. Huwa baqa' fuq il-post ghax skont hu kienet persuna ohra li serqet izda ma kienx hu. Meta fil-fatt gie mistoqsi jekk kienx ra lil din il-persuna tisraq qal li ma kien ra xejn. Din kienet l-unika spjegazzjoni tal-imputat li ta fl-istqarrija. Anki meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2019 qal li kien sejjer jaghmel xi xoghol u qal li l-vittma ta' dan il-kaz beda jwahhal fih li kien baraxlu l-karozza tieghu izda nnega li kien gewwa l-karozza meta nzamm. Huwa zied jghid li baqa' fuq il-post ghax beda jwahhal fih u gie arrestat mill-Pulizija. Skont huwa kien ghaddej minn hemm biex imur ghax-xoghol u nqalghet din il-kwistjoni.

Illi minn dak li qal l-istess derubat fix-xhieda tieghu, u cioe' ta' Simon Kostadinoski li l-imputat kien fil-vettura u mhux li kien barra miexi ghal affari tieghu. Illi dan il-punt zgur hija aktar kredibbbli dak li qal l-istess derubat fejn zamm lill-imputat milli jahrab meta kisser il-hgiega tal-vettura biex jisraq l-oggetti li kien hemm fiha.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz kif stabbiliti mix-xhieda, l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien fil-vettura sabiex jisraq l-oggetti li kien hemm fiha. Kif gie spjegat hawn fuq il-fatt li kienet diga inharget il-camera minn gewwa l-vettura minn fejn halliha sidha u gie kommess ir-reat ta' serq.

**Ikkunsidrat:**

Wara li fliet il-provi, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-fatti kollha u qieghda tara li l-verzjoni mghotija mid-derubat kif ukoll mill-habib tieghu hija aktar kredibbli. Illi l-imputat inqabad in flagrante meta gie mizmum meta kien nofsu fil-vettura mikrija lil parte leza. Din il-Qorti ma tarax li hija verosimili l-verzjoni li ta l-istess imputat meta qal

li kienet kwistjoni ta' persuna giet mizmuma minghajr htija mid-derubat. Illi jekk kien ikun il-kaz li kienet persuna ohra li wetqet din is-serqa kif allega l-imputat, id-distanza qasira li d-derubat kien mill-istess vettura kien jasal biex jara li kienet persuna ohra izda f'dan il-kaz l-imputat inqabad waqt li kien gewwa l-vettura u mhux barra kif qal hu stess. Illi ghalhekk din il-Qorti mhux sodisfatta bil-verzjoni mghotija mill-imputat.

Kif inghad, l-oggett in kwistjoni u cioe' l-camera tar-ritratti kienet manifestament nharget mill-vettura u thalliet barra. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn kien l-imputat li wettaq dan ir-reat u kif gie spjegat hawn fuq il-fatt li kienet diga inharget il-camera minn gewwa l-vettura minn fejn halliha sidha u gie kommess ir-reat ta' serq. Illi l-verzjoni mghotija mill-imputat qieghed jitqies bhala infondat.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Kwalifika ta' serq bil-valur tal-oggett misruq**

Stabbilit illi l-imputat ghandu jinsab hati ta' serq, irid jigi kkunsidrat il-kwalifika tal-valur. Illi l-unika prova li tresqet dwar il-valur tal-oggett misruq u cioe' tal-camera tar-ritratti kienet minn dak li qal l-istess parti leza fejn semma li kien xtraha madwar sena qabel ghas-somma ta' madwar elf Euro (€1,000). Illi mill-atti processwali jirrizulta li dan il-valur ma giex ikkontestat illi l-camera minnu misruqa mill-imputat kellha valur ta' madwar elf Euro(€1,000). Illi lanqas ma kien hemm talba minn naha tad-difiza sabiex jinhatar espert biex jivvaluta din l-istess camera tar-ritratti. Illi ghalhekk mic-cirkostanzi li ghandha quddiemha din il-Qorti, tara li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-kwalifika tal-valur.

**Il-Kwalifika tas-Serq bil-Mezz u bix-Xorta tal-Haga Misruq**

Illi rrizulta wkoll li sabiex jidhol fl-imsemmi vettura l-imputat kellu jkisser hgiega fejn ikkaguna hsara ta' aktar minn hames mitt Euro (€500). (Ara Dok SK a fol 24). Illi ghalhekk skont il-provi mressqa din il-Qorti tara li anki f'dawn ic-cirkostanzi l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova s-serq ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruq.

Illi ghandu jinghad li ghalkemm huwa wkoll gie mixli li ghamel hsara fuq l-imsemmija vettura li kien ta' madwar hames mitt Euro (€500) illi jinghad ukoll li ai termini tal-

Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali dan ir-reat ser jitqies bhala mezz ghall-fini tar-reat ikkwalifikat tas-serq u li tieghu l-imputat gie misjub hati.

**Recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li huwa recediv ai termini ta' sentenza mghotija fit-12 ta' Mejju 2014. Illi jidher mill-atti processwali li din is-sentenza qatt ma giet esebita minn naha tal-prosekuzzjoni. Illi fin-nuqqas ta' tali prova din il-Qorti ma tistax issib htija li huwa rrenda ruhhu recediv u ghalhekk qieghda tilliberah minn din l-akkuza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263(a), 267, 271 (g) u 279, u 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat D**avid Clement Joseph Yates** hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni li kif gia dikjarat il-Qorti qed tigi meqjusa bhala mezz ghall-fini tar-reat tas-serq ikkwalifikat u tikkundannah ghal ghaxar xhur (10) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-portata ta' din is-sentenza.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**